MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 2319/1999/1

**Id-Direttur tal-Kuntratti u l-Kap tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi**

**vs**

**'Plant & Equipment Limited' bhala mandatarja tas-socjeta' Taljana 'Moro Compact System S.r.l' ta' CP 217/33170, Pordenone, Italja**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi b' ittra ta' accettazzjoni tat-tender numru LA34/96 tal-15 ta' Jannar, 1996, kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'A' id-Direttur tal-Kuntratti accetta l-offerta tas-socjeta konvenuta "Moro Compact System S.r.L" maghmula

tramite l-agenti taghha hawn Malta, is-socjeta' Maltija Plant & Equipment Limited sabiex tixtri 'street washing bowser' bil-prezz tal-Lit 115,861,000 Cif Malta u 'hydraulic control of the front mounted washing bar' ghall-prezz ta' Lit 1,008,700 u 'Top mounted suction boom' ghall-prezz ta' Lit 2,768,000.

Illi skond l-offerta, kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'B', l-imsemmija oggetti kienu garantiti ghal-perjodu ta' tnax-il xahar mid-data tal-Kummissjoni, liema Kummissjoni saret fit-2 ta' Gunju, 1996.

Illi l-oggetti kollha thallsu kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) mal-prezentata tad-dokumenti ta' l-ispedizzjoni u hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) fi zmien hamsa u erbghin gurnata mid-data tal-polza ta' karigu.

Illi skond klawzola numru tlettax (13) ta' l-'ispecifications' li jiffurmaw parti mit-tender kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'C' it-tank tal-bowser in kwistjoni kellu jkun maghmul minn 'rust-proof material'.

Illi skond l-offerta mressqa mis-socjeta' konvenuta, it-tank tal-bowser in kwistjoni kien ser ikun 'stainless steel' (Dok 'B').

Illi ghal habta ta' Ottubru, 1996, u cioe' wara li sar il-bejgh izda qabel ma ghadda l-perjodu tal-garanzija, it-tank in kwistjoni beda joqtor u deher fih hafna sadid fil-partijiet fejn hemm il-'welding'.

Illi s-socjeta' konvenuta Taljana 'Moro Compact S.r.L' kif ukoll is-socjeta' konvenuta Maltija 'Plant & Equipment Limited' gew mgharrfa b 'dan id-difett u nterpellati sabiex jirrimedjaw ghal dan id-difett.

Illi ghal interpellazzjonijiet ta' l-atturi, s-socjeta' konvenuta rrispondiet li s-sadid seta kien frott ta' ilma mielah jew aceduz, haga li l-esponenti qatt ma uzaw fil-bowser u li jinnegaw li setghet grat.

Illi l-allegazzjonijiert tal-konvenuti rrizultaw nfondati meta ftit taz-zmien wara l-ewwel incident, beda joqtor ukoll it-tank tad-diesel ta’ l-istess vettura, meta diesel certament m’ huwiex korrussiv izda minnu nnifsu jipprotegi kontra s-sadid.

Illi z-zewg socjetajiet agixxew jew dolozament jew b’negligenza grossolana fil-konfront ta’ l-attur b’mod illi huma jew bieghu l-apparat in kwistjoni lill-attur meta kienu jafu li huwa ma kienx tal-kwalita rikjesta u pattwita jew bieghu l-istess apparat b’indifferenza u minghajr id-debita konstratazzjoni dwar jekk dan kienx tal-kwalita pattwita jew le.

Illi l-agir taz-zewg socjetajiet konvenuti ikkaguna danni ingenti lill-atturi konsistenti fl-ammont imhallas ghal bowser in kwistjoni u ghall-accessorji fuq imsemmija b’ telf ta’ uzu u f’ kiri ta’ bowser alternattiv sabiex jaghmel dak ix-xoghol li l-apparat mixtri kien intiz li jaghmel.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-kuntratt ta’ bejgh bejn l-atturi u s-socjetajiet konvenuti jigi rexiss u annullat u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija; li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jirrifondu l-prezzijiet imhallsa ghall-istess oggetti bl’ imghax; li jigi dikjarat li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt da parti taghhom u li jigu likwidati d-danni msemmija fit-tielet talba ta’ din ic-citazzjoni u li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest datat 25 ta’ Gunju, 1997 kontra s-socjetajiet konvenuti u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta nomine fejn gie eccepit:-

Preliminarjament il-fatt illi s-socjeta' Taljana Moro Compact Systems hija persuna li hija assenti minn Malta u ghalhekk il-procedura uzata mhijiex dik idoneja kontemplata fil-ligi.

Preliminarjament ukoll il-fatt illi Plant & Equipment Limited ma hijiex mandatarja tas-socjeta' Talajana Moro Compact Systems S.r.l., u tali rappresentanza ma tistax tigi prezunta bil-manjiera kif giet intavolata c-citazzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-uniku rwol illi kellha s-socjeta' Plant & Equipment Limited kien limitatament dak ta' intermedjarja sabiex is-socjeta' Taljana Moro Compact Systems S.r.l. setghet taghmel offerta ghat-tender LA 34/96, liema Tender fil-fatt inghatat direttament lis-socjeta' Taljana, u ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' Plant & Equipment Limited u l-atturi, stante li l-bejgh sar direttament bejn is-socjeta' Moro Compact Systems S.r.l. u l-atturi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-aritkoli 1407 u 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi r-rimedju f'kaz ta' bejgh ta' merkanzija huwa dak provdut fl-artikoli 1390 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta), liema rimedju ma hux rispekkjat fl-ewwel zewg talbiet tal-atturi.

Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hwejjeg mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' Moro Compact Systems S.r.l. kienu tal-kwalita' pattwita u skond l-ispecifications kontenuti fit-tender li inghatat lis-socjeta' Moro Compact Systems S.r.l.

Illi l-allegati danni sofferti mill-atturi ma hijiex, bl-ebda mod, responsabbli ghalihom is-socjeta' konvenuta nomine, stante li kienu l-atturi stess li kkagunaw l-allegati hsarat fil-hwejjeg mibjugha, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta Plant & Equipment Limited nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Semghat lix-xhud Charles Ciantar imsejjah mill-atturi.

Rat id-dikriet taghha tad-9 ta’ Lulju 2002 li bih is-socjeta’ konvenuta giet awtorizzata tippresenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta nomine fejn gie eccepit:-

Illi anke jekk jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta Pland and Equipment Limited kienet il-mandatarja tas-socjeta’ estera Moro Compact Systems Spa, in vista tal-likwidazzjoni tas-socjeta’ Moro Compact Systems Spa, tali mandat gie awtomatikament terminat u s-socjeta’ Plant and Equipment Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Semghat lix-xhud Charles Ciantar prodott mill-atturi.

Semghat lix-xhud Aurelio Attard u l-Inginier Conrad Galea prodotti mill-atturi.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta nomine dejjem dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota responsiva tal-atturi dejjem dwar in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjruri.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar dak li gie sottomess fin-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkonsidrat:-

**Konstatazzjonijiet ta' fatt**

Gie esibit id-dokument li bih saret l-offerta in kwestjoni da parti tas-socjeta' konvenuta Plant & Equipment Ltd bħala mandatarja tas-soċjetà Taljana Moro Compact System SrL liema offerta ggib id-data tal-25 ta' Lulju 1995, u li giet mmarkat bħala dokument B. (fol.6).

Fis-seduta tat-Tlieta 2 ta' Ottubru 2001 (fol 49), is-soċjetà konvenuta nomine ippreżentat dokument, immarkat Dok G, li huwa kopja ta' *fax*, li tindika illi kien hemm likwidatur li qiegħed jieħu ħsieb l-kwistjonijiet tas-soċjetà Moro Compact System SPA.

Gie ukoll preżentat dokument konsistenti f'kopja ta' fax immarkat bħala Dok KB 1, li jikkonferma illi s-soċjetà estera Moro Compact Systems qiegħda fi stat ta' likwidazzjoni.

Gie presentat document (fol.93) maħruġ mill-*Camera di Commercio Industria Artigianato e Agricoltura* ta' Pordenone u *covering letter* tal-likwidatur immarkati bħala dok KB3 (fol 94) u KB 4 (fol 111) rispettivament li juru li s-soċjetà Moro Compact qiegħda fi stat ta' stralċ.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

Fl-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta nomine qed jigi eccepit li semmai u fi kwalunkwe kaz is-soċjetà konvenuta Plant and Equipment Limited kienet il-mandatarja speċjali tas-soċjetà estera Moro Compact Systems SPA, u peress li l-imsemmija socjeta' estera hi fi stat ta' stralc tali mandat ġie awtomatikament terminat u s-soċjetà Plant and Equipment Limited għandha ghalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Bil-preżenti qed tiġi deċiża biss din l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta nomine.

Is-soċjetà konvenuta nomine, hawnhekk qed tistrieħ fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kummerċjali, u

tissottometti li ai termini ta’ dan l-artikolu, ir-rappreżentanza kummerċjali hija regolata b’dak li jistabilixxi l-Kodiċi Ċivili dwar il-mandati.

F’dan ir-rigward is-soċjetà konvenuta nomine tagħmel referenza għall-artikolu 1886 tal-Kodiċi Ċivili, u b’hekk issostni li l-likwidazzjoni u x-xoljiment ta’ soċjetà huwa legalment ekwivalenti għall-mewt tal-mandanti. Hawnhekk ghandu jinghad li in linea mal-artikolu 1886(b) tal-Kodiċi Ċivili, is-soċjetà konvenuta Plant & Equipment hi korretta meta ssostni li l-mandat li kellha spiċċa bil-mewt tal-mandanti, f’dan il-każ, l-istralc tal-istess mandanti soċjetà estera Moro Compact System SrL. Pero mhux korretta l-istess socjeta’ meta minn dan l-argument tinferixxi illi in vista tat-terminazzjoni tal-mandat, hija ma għandhiex tkun konvenuta fl-isem tas-soċjetà mandanti fil-kawża odjerna, għax skond hija, tali mandat ma għadux jeżisti. Jiġi nnotat li s-soċjetà konvenuta Plant & Equipment ghamlet l-offerta għan-nom tas-soċjetà Moro Compact System SrL meta l-mandat kien għadu fis-seħħ. Kwindi, peress illi l-mandatarju Plant & Equipment aġġixxiet f’isem is-soċjetà Moro Compact Systems SrL qabel ma ġie itterminat il-mandat, id-dikjarazzjoni ta’ falliment li wasslet għat-terminazzjoni tal-mandat, ma tħassarx dak li sar qabel tali terminazzjoni mill-mandatarju f’isem il-mandant.

Da parti tagħhom, fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghom l-atturi jinvokaw l-Artikolu 1888 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li “l-fatt illi jkun hemm xi waħda mir-raġunijiet li għalihom il-mandat jispiċċa, ma jistax jinġieb kontra terzi li minħabba li ma kienux jafu b’dak il-fatt, ikunu kkuntrattaw mal-mandatarju, bla ħsara tal-jedd tal-mandant li jdur kontra l-mandatarju, jekk ikun il-każ. Lanqas ma jista l-fatt ta’ xi waħda minn dawk ir-raġunijiet jinġieb kontra l-mandatarju, jekk, fiż-żmien li aġixxa, huwa ma kienx jaf b’dak il-fatt.” Hawn l-imsemmi artikolu 1888 li gie invokat mill-atturi jittratta dwar dawk il-każijiet fejn il-mandatarju jikkuntratta ma’ terzi wara li jkun ġie terminat lilu l-mandat, sabiex jipproteġi lill-istess terzi. Kwindi dan l-artikolu mhux applikabbli għall-kawża odjerna, għaliex kif intqal aktar ‘l fuq, is-soċjetà Plant & Equipment tefgħet l-offerta għan-

nom tas-soċjetà Moro Compact System SrL meta ma hemmx dubju li l-mandat kien għadu fis-seħħ.

Kwindi ghar-ragunijiet suesposti l-eċċezzjoni ulterjuri għandha tiġi miċħuda għaliex is-soċjetà Plant & Equipment daħlet f'obbligazzjoni mal-Gvern qabel ma l-mandat ġie terminat.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri u tiddifferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012.

Spejjez tal-presenti sentenza jithallsu mis-socjeta' konvenuta nomine.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------